# Xindi x-Xadin

## *Kitba ta' Michelle Zarb u disinji ta' Sue Flask*

**Pġ. 6**

**A) Agħżel it-tajba:**

1. Xindi kien a) tifel fuq ruħu.
   b) xadin sbejjaħ.
   ċ) <u>xadin imqareb</u>.

2. Ix-xadini kienu joqogħdu a) fuq siġra.
   b) <u>ġo għar</u>.
   ċ) fuq blata.

3. Xindi nstab fil-ġungla minn a) ħutu.
   b) <u>missieru</u>.
   ċ) ommu.

**B) Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**Aċċetta tweġibiet li jkollhom l-istess tifsira tat-tweġiba mogħtija.**

1. Għaliex intilef Xindi?
   <u>Xindi ntilef għax ma semax minn tal-familja</u>.

2. Fejn daħal jistkenn?
   <u>Hu daħal jistkenn taħt siġra.</u>

3. Għaliex ma kinitx faċli jsib triqtu lura lejn id-dar?
   <u>Ix-xita kienet naddfet il-passi tiegħu.</u>

4. Li kieku kont flok Xindi, kont tmur passiġġata waħdek?
   Għaliex?
   <u>Aċċetta kull tweġiba li tagħmel sens.</u>

**Ċ) Innumera dawn is-sentenzi fl-ordni kif ġrat l-istorja:**

3 Ix-xadin instab minn missieru.

1 Xindi mar passiġġata waħdu.

2 Xindi ntilef fil-ġungla.

**D) Liema parti tal-istorja għoġbitek l-aktar? Pinġi x-xena hawn taħt.**

Ara li t-tpinġija tagħmel sens skont l-istorja.

**Pġ. 9**

**A) Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**Aċċetta tweġibiet li jkollhom l-istess tifsira tat-tweġiba mogħtija.**

1. X'fiha perikoluż il-ġungla?
   Fil-ġungla hemm ħafna annimali slavaġ.

2. Min kienet Ġina?
   Ġina kienet ġiraffa b'qalb tad-deheb.

3. Għaliex ix-xadini marru ħdejn l-għadira?
   Ix-xadini marru ħdejn l-għadira biex jixorbu u jinħaslu.

4. Li kieku kont omm jew missier Xindi, x'kont tagħmel hekk kif Xindi reġa' lura d-dar?
   Aċċetta kull tweġiba li tagħmel sens.

**B) Ikteb is-sentenzi wara xulxin skont kif ġraw fl-istorja.**

2 Telgħu fuq is-siġar biex jaqtgħu l-banana.

4 Marru lura d-dar biex jevitaw is-sħana.

1 Omm Xindi geżwritu fil-ħaxix niexef biex jisħon.

3 Xindi u ħutu marru sal-għadira.

**Pġ. 11**

**A) Liema minn dawn is-sentenzi huma veri? Immarka t-tajbin b' ✓.**

1. Is-serp kien jismu Serri.
2. Inu kien iljunfant. ✓
3. Żeppi u Inu xxarrbu bl-ilma tal-għadira. ✓
4. Żeppi ħarab meta wasal l-iljun.
5. L-iljun kien kbir u bil-ġuħ. ✓




2. Liema kliem sibt fl-ewwel linja?

   <u>ilbieraħ u farfett</u>

3. Liema kliem sibt fl-aħħar linja?

   <u>post u xadini</u>

---

**Pġ. 13**

**A) Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar l-istorja li għadek kif qrajt:**

**Aċċetta tweġibiet li jkollhom l-istess tifsira tat-tweġiba mogħtija.**

1. Min kienet Xana?

   <u>Xana kienet oħt Xindi.</u>

2. Minn min beża l-iljun?

   L-iljun beża' minn omm Inu l-iljunfant.

3. X'tip ta' tajra kiener ser taqbad lil Xana?

   Ajkla kbira kienet ser taqbad lil Xana.

**B) Agħmel lista ta' annimali oħra li setgħu jaħbtu għax-xadini minbarra l-iljun u l-ajkla.**

Aċċetta l-annimali li jistgħu jattakkaw lix-xadini.

**Ċ) 1. Inti, liema annimal ibeżżgħek l-aktar?**

**2. Għaliex?**

Aċċetta kull tweġiba li tagħmel sens.

---

**Pġ. 15**

**A) X'kien jisimhom?**

l-iljunfant: Inu

il-gurilla: Gugu

**B) Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**Aċċetta tweġibiet li jkollhom l-istess tifsira tat-tweġiba mogħtija.**

1. Xħin qamu Xindi u ħutu?

   Ix-xadini qamu mal-ewwel raġġi tax-xemx.

2. Ta' min kien il-krib li semgħu x-xadini?

   Il-krib kien ta' Inu l-iljunfant.

3. Min xiex kien imdendel l-iljunfant?

   Inu kien imdendel mit-tromba tiegħu stess.

4. X'taf tgħidli fuq Gugu?

   Gugu kien b'saħħtu ħafna.

**Ċ) Fisser il-frażi:**

idea brillanti – idea tajba ħafna / idea ġenjali

wara li trejqu ftit – wara li kielu xi ħaġa

**D) Ikteb kelma oħra flok:**

fommu – ħalqu       wieġbu – rrispondieh

---

**Pġ. 17**

**A) Poġġi l-kliem fl-ordni t-tajba.**

**Ibda kull sentenza b'ittra kbira u spiċċaha b'punt.**

1. daħku, bl-iljunfant, ix-xadini

   Ix-xadini daħku bl-iljunfant.

2. t-tromba, għoqda, rabtuli

   Rabtuli t-tromba għoqda.

3. u, titgħallem, tikber

   Tikber u titgħallem.

4. qed, jitbandlu, jieħdu, ix-xadini, gost, 'l isfel, kienu, rashom

   Ix-xadini kienu qed jieħdu gost jitbandlu rashom 'l isfel.

**B) Ikteb Veru jew Falz:**

1. Ix-xadini bdew jaqbżu fuq blata kbira. **Falz**
2. Xindi u ħutu daħku b'Inu. **Falz**
3. Inu dam siegħa sħiħa mdendel mit-tromba. **Falz**
4. L-iljunfant irnexxielu jitbandal sew mas-siġra. **Falz**
5. Ma tridx tafda lil min ma tafux. **Veru**

**Pġ. 19**

**A) Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**Aċċetta tweġibiet li jkollhom l-istess tifsira tat-tweġiba mogħtija.**

1. Min kienet Żiga?

   Żiga kienet żebra żgħira.

2. F'liema post iltaqgħu ma' Żiga?

   Ħdejn l-għadira ltaqgħu ma' Żiga.

3. Semmi l-annimali kollha li marru jfittxu lil Gugu.

   Żiga, Inu, Xindi, Ximżi u Xana.

4. X'tip ta' ikel taħseb li offrielhom Gugu?

   Aċċetta kull tip ta' ikel li seta' offrielhom Gugu.

**B) Pinġi u ddeskrivi lil Gugu.**

Id-deskrizzjoni trid taqbel mal-istampa li jpinġu.

**Ċ) Liema minn dawn is-sentenzi huma veri? Immarka t-tajba b'✓**

1. Żiga kienet żebra kbira.
2. L-annimali marru s'għand Gugu. ✓
3. Inu ma marx magħhom.
4. It-triq kienet qasira.
5. Gugu offrielhom x'jixorbu.

**D) Din hija Ċera ċ-ċerva. Fi triqithom lejn id-dar, l-annimali ltaqgħu ma' Ċera. Xindi mar jiġri jkellimha għax kien ilu ma jaraha.**

X'taħseb li qalilha Xindi?

Aċċetta kull tweġiba li tagħmel sens.

X'taħseb li weġbitu Ċera ċ-ċerva?

Aċċetta kull tweġiba li tagħmel sens.

**Pġ. 22**

**A) Ikteb djalogu bejn Żiża u Żiga.**

Aċċetta kull risposta li tagħmel sens.

---

**Pġ. 23**

**B) Aħseb fl-annimali li ssemmew s'issa fl-istorja u iktibhom.**

Aċċetta tweġibiet varji.

**Ċ) Agħżel it-tliet annimali li l-aktar għoġbuk fl-istorja u iktibhom f'dawn il-kaxxi. Ivvinta storja fuq dawn l-annimali u iktibha hawn taħt.**

Aċċetta kull storja bil-kliem magħżul.

---

**Pġ. 25**

**A) Innumera dawn is-sentenzi fl-ordni kif ġrat l-istorja:**

**3** Fl-għar kien hemm riħa tinten ħafna.

**1** Xindi u ħutu xtaqu jżuru għar kbir u mudlam.

**4** Quddiem il-bokka tal-għar kien hemm passi kbar u żgħar.

**2** Xindi ħa qatgħa kbira u beda jwerżaq.

**B) Sib minn dan il-kapitlu tliet kelmiet li fihom l-h:**

rħewlha, hemm, fih, huma, ilhom, xewqithom, bħalhom

**Ċ) Sib minn dan il-kapitlu tliet kelmiet li fihom l-għ:**

għada, filgħodu, bogħod, għar, tagħhom, mogħdija, għal, jgħixu, tgħid, jagħmlu, jaqtgħu, għalhekk, żgħar, tgħidx, qatgħa, għadd, jfaqqgħu

**D) Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**Aċċetta tweġibiet li jkollhom l-istess tifsira tat-tweġiba mogħtija.**

1. Ta' min taħseb li kienu l-passi fit-trab tal-art?

Il-passi fit-trab tal-art kienu ta' annimali differenti li jgħixu fil-ġungla.

2. X'taħseb li kienu dawk il-ħlejjaq li taw qatgħa kbira lix-xadini?

Friefet il-lejl, għasafar u kull risposta oħra li tagħmel sens.

---

**Pġ. 27**

**Liema minn dawn is-sentenzi huma veri? Immarka t-tajbin b' ✓**

A) 1. Il-friefet il-lejl kienu bojod karti.

2. Kien hemm ħafna friefet il-lejl ġol-għar. ✓

3. Marret tiġri warajhom tigra kbira.

4. Ix-xadini kellhom jaqbżu fix-xmara. ✓

5. Xindi u ħutu waqgħu ġot-tajn tal-għar. ✓

**B) Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**Aċċetta tweġibiet li jkollhom l-istess tifsira tat-tweġiba mogħtija.**

1. Ma' liema ħlejjaq iltaqgħu x-xadini fl-għar?

   Fl-għar ix-xadini ltaqgħu mal-friefet il-lejl u ma' ors imġewwaħ.

2. Li kieku kont int flok Xindi, x'kont tagħmel kieku ġie jiġri warajk l-ors?

   Aċċetta kull tweġiba li tagħmel sens.

---

**Pġ. 29**

**A) Poġġi dan il-kliem wara xulxin skont l-ordni alfabetika:**

1. ilma, blat, kurrent, ftit

   blat, ftit, ilma, kurrent

2. xadini, xmara, zokk, kukkudrill

   kukkudrill, xadini, xmara, zokk

**B) Fittex dan il-kliem qalb l-ittri: ilma, blat, kurrent, ftit, xadini, xmara, zokk, kukkudrill**

| | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| g | k | l | b | a | f | t | i | t | ċ | x | a | d | i | n | i |
| q | v | a | l | j | k | u | k | k | u | d | r | i | l | l | p |
| f | x | m | a | r | a | r | m | v | s | x | z | u | m | i | l |
| d | s | x | t | v | m | k | o | d | i | r | w | z | a | ż | ċ |
| k | u | r | r | e | n | t | r | z | o | k | k | t | r | e | u |

**Ċ) Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**Aċċetta tweġibiet li jkollhom l-istess tifsira tat-tweġiba mogħtija.**

Meta qorbu lejn l-art, ix-xadini sabu sorpriża tistenniehom.

1. X'kienet din is-sorpriża?

<u>Hekk kif qorbu lejn l-art sabu kukkudrill ma' wiċċhom.</u>

2. Taħseb li ser isalvaw ix-xadini?

<u>Aċċetta kull tweġiba li tagħmel sens.</u>

**Pġ. 31**

**A) Agħżel it-tajba:**

1. Ix-xadini kienu bla nifs għax għejew a) jieklu.
   b) jixorbu.
   ċ) <u>jaqdfu.</u>

2. Ġina kienet qiegħda tiekol a) il-frott.
   b) <u>il-weraq.</u>
   ċ) il-ħelu.

3. Il-ġiraffa a) wasslithom lura d-dar.

b) għajtet magħhom.

ċ) tefgħethom lura fl-ilma.

**B) Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**Aċċetta tweġibiet li jkollhom l-istess tifsira tat-tweġiba mogħtija.**

1. Min sab lit-tliet xadini mitlufa fil-ġungla?

   Ġina l-ġiraffa sabet lit-tliet xadini mitlufa fil-ġungla.

2. X'tip ta' karattru taħseb li għandha l-ġiraffa?

   Il-ġiraffa għandha qalbha tad-deheb għax għenithom mill-ewwel u wasslithom lura d-dar.

3. Inti x'karattru għandek?

   Aċċetta kull risposta li tagħmel sens.

---